**11 ta' Frar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Joseph Debono Grech

*versus*

Albert Mizzi u Alfonso Caruana *noe. et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Impieg – Terminazzjoni – Soċjetà Parastatali – Appell – Nullità**

*L-esponent issottometta li l-azzjonijiet ta' l-intimat huma motivati politikament u jikkostitwixxu diskriminazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.*

*L-intimati Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju u s-Segretarju Parlamentari għall-Affarijiet Marittimi stqarrew li l-allegat impieg u t-terminazzjoni tiegħu saret mill-Mediterranean Oilfield Services Co. Ltd. li għandha personalità ġuridika u distinta tagħha u li għalhekk huma ġew imħarrka inutilment u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Id-diskriminazzjoni projbita mill-artikolu 45(2) tolqot l-operat ta' tlett kategoriji ta' persuni:*

*(i) dawk li jaġixxu bis-saħħa ta' xi liġi miktuba;*

*(ii) dawk li jaġixxu biex jaqdu funzjonijiet ta' xi kariga pubblika;*

*(iii) dawk li jaġixxu biex jaqdu funzjonijiet ta' xi awtorità pubblika.*

*Ir-rikorrent jidher li kien interessat biss fl-aħħar żewġ kategoriji – u għalhekk l-Ewwel Qorti kkunsidrat li s-soċjetà intimata mhix il-leġittima kontradittriċi tar-rikorrent għaliex ma taqdix funzjoni ta' xi awtorità pubblika u dan għaliex hija soċjetà kummerċjali anonima u hekk tibqa' allavolja l-Gvern għandu l-kontroll effettiv tagħha.*

*L-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni jirregola l-ħatra, it-tneħħija u d-dixxiplina fuq persuni li jokkupaw karigi uffiċjali. Dawn il-poteri huma investiti fil-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.*

*Il-Prim Ministru jista' fuq rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jiddelega kull wieħed minn dawn il-poteri lil xi uffiċjal pubbliku jew awtorità, liema delega trid issir bil-miktub u tkun konformi ma' dak li hemm fis-sub-inċiż (2) ta' l-artikolu 110.*

*Is-sub-inċiż (6) ta' l-artikolu 110 għalhekk jinteressa s-soċjetà intimata u din meta tiġi biex timpjega lil xi ħadd trid jew tagħmel eżami pubbliku jew tuża' "is-servizz għall-impjegat provdut minn fondi pubbliċi".*

*Kull persuna ġuridika kemm ċivili u kemm kummerċjali li hija effettivament kontrollata mill-Gvern ma tistax tiġi kkunsidrata li hija għal kollox barra mill-ambitu kostituzzjonali għal dak li huwa l-obbligu li jiġu osservati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-individwu.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fil-5 ta' Novembru 1987, l-imsemmi Onorevoli Joseph Debono Grech ippreżenta rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'dawn it-termini:-

''Fis-27 ta' April 1977 ir-rikorrenti ġie maħtur *Administrative Officer* tal-Mediterranean Oilfield Services Company Limited b'ittra hawn mehmuża (Dok. A);

Fl-24 ta' April 1980 huwa ġie maħtur *General Manager* tal-imsemmija kumpanija (Dok. B, C);

Fis-16 ta' Marzu 1981 ġie wkoll maħtur Direttur tal-istess kumpanija (Dok. D), minn liema kariga ta' Direttur huwa irriżenja fit-2 ta' Mejju 1983 billi laħaq Ministru (Dok. E);

Fl-istess data (2 ta' Mejju 1983) huwa talab sabiex għall-perijodu li jkun assenti mill-kariga ta' ''General Manager minħabba l-ħatra tiegħu ta' Ministru, dan il-perijodu jiġi kunisdrat bħala *special leave without pay''* (Dok. F);

Il-Bord tad-Diretturi wara li ħadu l-parir tas-Segretarju Amministrattiv, qablu mat-talba ta' l-esponent (Dok. G) u dan ġie kkonfermat b'ittra datata 12 ta' Settembru 1983 (Dok. H);

Wara l-elezzjoni ta' l-1987, preċiżament fil-11 ta' Mejju 1987, l-esponent talab biex jerġa' lura għax-xogħol fit-18 ta' Mejju 1987 (Dok. I) wara li jkun ħa ħamest ijiem ''*unpaid leave''*;

Fil-15 ta' Mejju 1987 l-esponent ġie nformat mill-kumpanija sabiex jibqa' ''*on paid leave''* (Dok. J);

Fl-20 ta' Mejju 1987 il-konsulent legali tal-esponent talab għal kjarifika dwar il-*"paid leave"* liema ittra qatt ma ġiet risposta (Dok. K);

L-esponent irċieva cheque tal-paga mill-11 ta' Mejju 1987 sat-30 ta' Ġunju 1987 (Dok. L);

Fit-12 ta' Ġunju 1987 l-esponent ġie nformat mill-kumpanija intimata, li l-pożizzjoni tiegħu ta' *General Manager* baqgħet vakanti mit-2 ta' Mejju 1983, li x-xogħol kien qiegħed isir minn *Managing Director* u għalhekk qalulu li s-servizzi tiegħu huma *"redundant"* (sic) u l-post ta' *General Manager* huwa abolit (Dok. M);

Fit-8 ta' Lulju 1987 l-esponent irċieva cheque ieħor tal-pagi (Dok. N):

Illi l-kumpanija in kwistjoni hija waħda parastatali, b'maġġoranza ta' ishma tal-Gvern;

L-esponent kien ġie nformat sa erbgħat (4) ijiem qabel il-ġurnata ta' l-elezzjoni li ma kien hemm ebda tibdil fil-pożizzjoni tiegħu għar-rigward *l-impieg u status;*

Illi l-esponent jissottometti illi l-kumpanija intimata kienet mġiegħlha biex tieħu l-azzjoni fuq indikata mill-intimati l-Onorevoli Emanuel Bonnici u l-Onorevoli Joseph Fenech jew min minnhom;

Illi din l-azzjoni hija diskriminatorja kemm indipendentement kif ukoll meta komparata ma' azzjonijiet oħra;

Illi l-esponenet jissottometti li dawn l-azzjonijiet tal-intimati motivati politikament jikkostitwixxu diskriminazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 45 (ħamsa u erbgħin) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-aġir tal-intimati fuq deskritt konsistenti fid-dikjarazzjoni li s-servizzi tiegħu (tal-esponent) huma "*redundant*" u l-post ta' *General Manager* huwa abolit, jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, partikolarment l-att huwa diskriminatorju u jikser l-artikolu 45 (ħamsa u erbgħin) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, komparat ma' azzjonijiet oħra, u anke indipendentement, u konsegwentement l-esponent għadu fl-impieg tiegħu fuq indikat;

2. Tagħti u tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 45 (ħamsa u erbgħin) tal-Kostituzzjoni ta' Malta."

L-intimati l-Onorevoli dottor Emanuel Bonnici, Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, u l-Onorevoli dottor Joseph Fenech, Segretarju Parlamentari għall-Affarijiet Marittimi, irrispondew illi l-allegat impieg u t-terminazzjoni tiegħu saret mill-Mediterranean Oilfield Services Company Limited li għandha personalità ġuridika u distinta tagħha u li għalhekk huma ġew imħarrka nutilment u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-intimati l-oħra Albert Mizzi u Alfonso Caruana għall-Mediterranean Oilfield Services Company Limited irrispondew illi:-

(a) Ir-rikorrent ġa irriferixxa t-tilwima li għandu mal-esponenti lit-Tribunal Industrijali – dokument P – u għalhekk l-aġir tiegħu stess ikkonferma illi "mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma, jew kienu disponibbli favur tiegħu skond il-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;

(b) illi barra minn dan, ir-rikorrenti għandu rimedju speċifiku skond l-artikolu (8) u (9) tal-Kostituzzjoni;

(ċ) għalhekk il-Qorti hija mitluba li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kif provvdut fil-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

(d) illi fil-meritu, ma saret ebda diskriminazzjoni politika, il-posizzjoni tiegħu ta' *General Manager* baqgħet vakanti mit-2 ta' Mejju 1983 u dawk il-funzjonijiet ġew kollha assorbiti fix-xogħol ta' *Managing Director* u b'hekk spiċċat kull raġuni li jinżamm il-post inutli ta' *General Manager*.

Fl-20 ta' Novembru 1987 l-imsemmija Qorti Ċivili Prim'Awla ċaħdet talba tal-intimata soċjetà għas-soprasessjoni sakemm tiġi deċiża l-kawża pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali.

Dan id-digriet ġie kkonfermat minn din il-Qorti, wara l-appell tas-soċjetà, b'sentenza tat-23 ta' Diċembru 1987.

B'nota tad-19 ta' Ottubru 1989 ir-rikorrenti talab li għat-terminu tal-art. 4(8) tal-Att XIV tal-1987, il-Qorti teżamina wkoll jekk il-fatti allegati jivvjolawx ukoll dak li hemm provvdut f'dak l-att, speċjalment l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Fl-istess data Albert Mizzi u Alfonso Caruana nomine ppreżentaw rikors f'dawn it-termini:

1. Illi r-rikorrent qiegħed jitlob rimedju kontra tagħhom (u oħrajn) għall-allegat ksur tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni (diskriminazzjoni politika).

2. Illi fid-9 ta' Ottubru 1989 il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "Carmelo Buttigieg vs Albert Mizzi nomine" iddisponiet minn dak l-appell billi ddikjarat illi l-artikolu 45 "jikkontempla **biss** il-vjolazzjoni konnessa **minn individwu li jokkupa kariga fis-servizz pubbliku, ċjoè fis-servizz tal-Gvern ta' Malta,** ħaġa li l-Qorti ma tarax li jista' jingħad fil-każ preżenti, għalkemm il-kumpanija intimata hija kontrollata mill-Gvern."

3. Illi l-kumpanija esponenti mhux "individwu li jokkupa kariga fis-servizz pubbliku", u għalhekk għandha tiġi minnufih liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Għaldaqstant l-esponenti, umilment jitolbu, li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

B'deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 1990 l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet favur is-soċjetà w illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju, billi qalet:-

1. Ir-rikorrent qiegħed jitlob rimedju billi jallega li l-aġir tal-intimati msemmija konsistenti fid-dikjarazzjoni li s-servizzi tiegħu ma-soċjetà intimata kienu *"redundant"*, u l-post ta' *General Manager* abolit kien att diskriminatorju u jikser l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. L-artikolu rilevanti għal din it-talba huwa l-45(2) tal-Kostituzzjoni li jiddisponi li "…..ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod deskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika."

3. Dan ifisser li l-azzjoni għar-rimedju in kwistjoni mhix esperibbli kontra kull individwu, iżda kontra biss xi persuna bħal dik imsemmija fil-paragrafu preċedenti: jiġifieri l-azzjoni preżenti hija sostenibbli kontra l-intimati Mizzi u Caruana nomine fil-każ biss li jirriżulta li huma aġixxew "bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.

4. Ir-rikorrent jissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, li ma hemmx kwistjoni li l-kumpanija intimata, Mediterranean Oilfield Services Company Limited (rappreżentata f'dan il-proċediment mill-intimati Mizzi u Caruana msemmijin) hija kumpanija parastatali, u kompletament kontrollata mill-Gvern, u dan kemm formalment kif jidher mill-memorandum u l-*articles of association* fejn il-Gvern ta' Malta għandu s-setgħa li jinnomina ċ-*Chairman* u l-maġġoranza tad-Diretturi, kif ukoll kontroll fil-prattika billi l-Gvern, l-aktar permezz tal-Ministru responsabbli jeżerċita kontroll anki fuq ix-xogħol tal-kumpanija.

5. Mill-premess, però ma tistax tikkonkludi li l-kumpanija ossija l-uffiċjali tagħha bħala tali jaġixxu "bis-saħħa ta' xi liġi miktuba, jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika," kif jiddisponi l-artikolu rilevanti ċitat hawn fuq. L-iskopijiet tas-soċjetà intimata, kif jirriżulta mill-memorandun ta' l-assoċjazzjoni esebit, jindikawha bħala soċjetà

kummerċjali. Ġiet kostitwita bħal kull soċjetà kummerċjali oħra. Il-fatt li l-Gvern għandu l-maġġoranza ta' l-azzjonijiet u li l-uffiċjali tas-soċjetà allegatament jaġixxu, ġieli jew dejjem, fuq direttivi tal-Ministru jew fuq il-parir ta' l-Avukat Ġenerali, ma jirrendix l-operat ta' dawna l-uffiċjali bħala esegwit bis-saħħa ta' xi liġi jew fil-funzjoni ta' xi kariga pubblika jew ta' xi awtorità pubblika.

6. L-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni jiddefinixxi "kariga pubblika" bħala "kariga bi ħlas fis-"servizz pubbliku", huwa definit fl-istess artikolu bħala "is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga Ċivili". Ma jidhirx li l-uffiċjali tas-soċjetà intimata bħala tali uffiċjali, għandhom xi kariga pubblika jew huma fis-Servizz Ċivili.

7. L-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni jimmodifika d-definizzjoni ta' "Servizz Pubbliku" bil-frażi "bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli....(3) ta' dan l-artikolu." Dan is-subartikolu (3) jiddisponi li "is-servizz Pubbliku" ma tinkludix servizz fil-kariga ta', fost oħrajn, "Prim Ministru jew Ministru ieħor, Segretarju Parlamentari ....". Ir-rikorrent jissottometti li jekk wieħed jasal biex jirritjeni li min m'huwiex fis-servizz pubbliku ma jkunx suġġett għas-sanzjoni in kwistjoni disposta fl-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni; allura in vista tal-modifika msemmija wieħed irid bil-fors jasal għall-konklużżjoni li kontra l-Prim Ministri ma hemm ebda dritt ta' azzjoni jekk jeżerċitaw diskriminazzjoni politika, għaliex huma esklużi mid-definizzjoni ta' "Servizz Pubbliku", u konsegwentement ma jokkupawx kariga pubblika. Huwa inkonċepibbli josserva r-rikorrent fin-nota tiegħu, li l-Ministri fil-Gvern jiġu kkunsidrati bħala immuni mis-sanzjoni ta' l-artikolu 45(2) meta jaġixxu b'diskriminazzjoni politika.

8. Evidentement il-Ministri jkunu ċertament soġġetti għas-sanzjonijiet imsemmijin jekk jeżerċitaw diskriminazzjoni politika fil-qadi tal-funzjonijiet ta' l-awtorità tagħhom pubblika, a termini ta' l-istess artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni.

9. Ir-rikorrent jissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu li għall-finijiet ta' l-artikolu 110 tal-Kap X tal-Kostituzzjoni, soċjetà li fiha l-Gvern ta' Malta jkollu sehem biżżejjed biex jikkontrollaha jew li fuqha jkollu kontroll effettiv, titqies fl-istess kategorija ta' u parti mis-servizz pubbliku. L-artikolu 110 imsemmi, fis-subinċiż (6) tiegħu jgħid: "Dħul f'impieg ma" kull.....soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta....ikollhom kontroll effettiv, għandu.....isir permezz tas-servizz għall-impjegar kif provvdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu." F'dan il-kontest, jissottometti r-rikorrent, is-soċjetà intimata hija awtorità b'funzjoni pubblika.

10. Ma jidhirx li din hi l-konklużjoni loġika tal-premessi tar-rikorrent. Id-dispost ta' l-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni jestendi l-funzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għall-impiegi ma' soċjetà kif deskritta fl-istess subartikolu, iżda ma jagħtix lil tali soċjetà l-karattru ta' awtorità b'funzjoni pubblika.

11. Mill-premess ma rriżultax li l-intimati Mizzi u Caruana nomine aġixxew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika. L-anqas, evidentement, ma rriżulta li aġixxew bis-saħħa ta' xi liġi miktuba. Għalhekk l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli fil-konfront tagħhom.

12. Ir-rikorrent, fin-nota tiegħu ta' osservazzjoni talab li l-Qorti tikkunsidra l-ilment tiegħu għall-finijiet ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni wkoll. Ir-regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali (A.L.48 / 1964) jiddisponi li "Ir-rikors għandu....jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jkun allegat li jkun u ġew.....miksura". Fir-rikors tiegħu promotorju r-rikorrent jinvoka biss l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Il-qorti għalhekk, f'dan il-proċediment ma tistax skond il-liġi tikkunsidra l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. L-istess jingħad dwar it-talba tar-rikorrent biex jiġu konsidrati artikoli 3 u oħrajn ta' l-ewwel skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987.

Għall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-intimat Albert Mizzi u Alfonse Caruana nomine magħmula bir-rikors tagħhom preżentat fit-18 ta' Ottubru 1987 u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jibqgħu bla taxxa.

A. Ir-rikorrent appella. L-ewwel aggravju tiegħu huwa illi l-ewwel Qorti biex tinterpreta l-frażi sottolineata hawn taħt:-

"... ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorja minn xi persuna li taġixxi **bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika."** (artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni), tat importanza lid-definizzjonijiet ta' "kariga pubblika" u "servizz pubbliku" li hemm fl-art. 124(1) tal-Kostituzzjoni.

Dan l-aħħar artikolu jgħid:-

**F'din il-Kostituzzjoni,** kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

.....“**kariga pubblika**” tifssier kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku;

.....“**servizz pubbliku**” tfisser.....is-servizz tal-Gvern ta’ Malta f’kawża ċivili.”,

u f’sub-inċiżi oħra ta’ l-istess artikolu huwa spjegat illi m’humiex konsiderati li jiffurmaw parti mis-servizz pubbliku tal-Gvern ta’ Malta dawk kollha li m’għandhomx funzjoni ta’ servizz permanenti imma jidħlu fih temporanjament in forza talproċessi *politiċi, elettivi* u *kostituzzjonali.*

Il-frażi “**xi awtorità pubblika**” mhix definita.

Id-diskriminazzjoni projbita fl-art. 45(2) għalhekk, tolqot l-operat ta’ tlett kategoriji ta’ persuni:-

(i) dawk li jaġixxu bis-saħħa ta’ xi liġi miktuba;

(ii) dawk li jaġixxu biex jaqdu funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika;

(iii) dawk li jaġixxu biex jaqdu funzjonijiet ta’ xi awtorità pubblika.

Ir-rikorrent, mill-atti tal-kawża, – jidher li kien interessat biss fl-aħħar żewġ kategoriji – u għalhekk l-ewwel Qorti *ikkunsidrat illi s-soċjetà intimata mhix il-leġittima kontradittriċi* tar-rikorrent għaliex la taqdi funzjoni ta’ xi kariga pubblika u l-anqas ma taġixxi biex taqdi funzjoni ta’ xi awtorità pubblika; u dan għaliex hija soċjetà kummerċjali anonima, u hekk tibqa’, allavolja l-Gvern għandu l-kontroll effettiv tagħha.

B. Il-Kostituzzjoni tikkonsidra:- "kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv".

U dan fis-sub-inċis (6) tal-artikolu 110.

Il-"korp ieħor" ifisser kull korp stabbilit fil-Kostituzzjoni jew b'xi liġi jew taħt xi liġi oħra."

Dan l-artikolu 110, jirregola l-ħatra, it-tneħħija u d-dixxiplina fuq persuni li jokkupaw karigi uffiċjali. Dawn il-poteri huma investiti fil-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Il-Prim Ministru jista' fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jiddelega kull wieħed minn dawk il-poteri lil xi uffiċjal pubbliku jew awtorità, liema delega trid issir bil-miktub u tkun konformi ma' dak li hemm fis-sub-inċiż (2) ta' dan l-artikolu 110.

Is-sub-inċiż (6) ta' l-Artikolu 110 għalhekk jinteressa s-soċjetà intimata u din meta tiġi biex timpjega lil xi ħadd trid jew tagħmel eżami pubbliku jew tuża' "is-servizz għall-impjegar, provvdut minn fondi pubbliċi u dan għandu jiżgura li ebda distinzjoni, esklużjoni jew preferenza ma jsiru jew ingħataw favur jew kontra xi persuna minħabba l-fehma polikta tagħha u liema servizz jipprovdi opportunità għall-impiegi biss fl-aħjar interessi tas-servizz pubbliku u tan-nazzjoni in ġenerali". – Kif jiddisponi s-sub-inċiż (2)(ċ) ta' l-istess Artikolu 110 inkwantu s-sub-inċiż (6) jinvoka – "kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ċ. Il-konsegwenza ta' dan kollu hija li kull persuna ġuridika – kemm ċivili u kemm kummerċjali – li hija effettivament kontrollata mill-Gvern – ma tistax tiġi kunsidrata li hija **għal kollox**, barra mill-ambitu kostituzzjonali għal dak li huma l-obbligi li jiġu osservati u rispettati d-drittijiet u *libertajiet fundamentali ta' l-individwu kontemplati mill-*Kostituzzjoni – Artikoli 32 sa 45.

Mhux il-kompitu ta' din is-sentenza li tidħol biex teżamina b'mod ġenerali – meta u sa fejn il-persuna ġuridika, imsemmija, u li għall-konvenjenza, tista' tissejjaħ semi-statali, (billi l-kategorija tinkludi persuni ġuridiċi kontrollati anki jekk ma jkunx hemm parteċipazzjoni) hija marbuta għal dik l-osservanza u rispett, inkwantu l-eżerċizzju huwa limitat mill-fattispecie tal-kawża preżenti u l-fatti konkreti miġjuba in ġudizzju.

D. Mill-eżami ta' dak li hemm provdut fil-Kostituzzjoni jidher illi l-persuni ġuridiċi semi-statali, huma marbutin li josservaw in-normi kostituzzjonali fil-każ ta' **impieg** – mentri kwistjonijiet ta' dixxiplina, waqt l-impieg, u tkeċċija minnu m'humiex soġġetti għall-kontroll kostituzzjonali u huma fdati għar-regolamentazzjoni tal-liġi ordinarja. Huwa possibbli li tingħata *nterpretazzjoni bħal din billi l-Artikolu 110 jiddistingwi* u jittratta diversament l-karigi uffiċjali statali u l-karigi semi-statali. Ta' l-ewwel huma regolati fit-tlett fażijiet – impieg, dixxiplina u tkeċċija, – waqt li r-regolamentazzjoni tat-tieni hija ċirkoskritta għall-impieg biss. Din ir-regolamentazzjoni tassigura "…. li ebda distinzjoni, esklużjoni jew preferenza ma jsiru jew jingħataw favur jew kontra xi persuna minħabba l-fehma politika tagħha." Art. 110(2)(c).

Mill-banda l-oħra però – u din hija l-interpretazzjoni li

din il-Qorti tħoss li għandha tabbraċċja – interpretazzjoni bħal dik tkun riduttiva u toffendi r-"*ratio constituzionalis*" billi timplika li persuna semi-statali tista', fid-dixxiplina waqt l-impieg, u fit-tkeċċija mill-impieg, taġixxi mingħajr ma tirrispetta dawk il-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni a bażi tal-fehmiet politiċi – li jridu jiġu osservati meta jingħata l-impieg. Difatti l-ewwel divjet ikun jista' jiġi totalment annullat billi – wara l-impieg – b'miżuri dixxiplinari w oħrajn ta' tkeċċija, li jagħtu każ il-fehmiet politiċi ta' l-impjegati – fil-persuna semi-statali, jispiċċaw impjegati biss, dawk li l-fehmiet politiċi tagħhom ikunu jogħġbu lil min jikkmanda effettivament f'dak is-soċjetà jew korp semi-statali. Dan huwa dak li Kostituzzjoni parlamentari u pluralistika bħal tagħna – trid tevita w anżi tipprojbixxi.

E. Għalhekk jidher illi l-impjegati semi-statali huma protetti minn trattament diskriminatorju a bażi tal-fehmiet politiċi ta' l-individwu u konsegwentement l-intimati Albert Mizzi u Alfonso Caruana, in rappreżentanza tal-kumpanija semi-statali Mediterranean Oilfield Services Company Limited ma jistgħux jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fuq **l-allegat** li huma ttrattaw lir-rikorrenti b'mod diskriminatorju minħabba l-fehmiet politiċi tiegħu. Tiġi enfasizzata l-kwalifika ta' **allegat** għaliex din il-Qorti b'ebda mod ma hija qed tgħid illi b'xi mod kien hemm din id-diskriminazzjoni kontra r-rikorrent, u hija l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li, fl-ewwel lok, għandha tinvesti u tiddeċidi fuq daqshekk.

F. Fl-aħħarnett l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet ukoll illi n-numru 3(1) tar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 pubblikati bl-Avviż Legali numru 48 ta' l-1964 ma jippermettulhiex li teżamina **wkoll** l-ilment tar-rikorrenti – magħmul wara li ppreżenta r-rikors tiegħu, imma fil-mori tal-kawża – a bażi ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni li teżamina din ir-restrizzjoni u ddeċidiet illi dak ir-regolament, jekk ma jiġix rispettat, ma jimporta ebda nullità tal-proċeduri. – Riferenza Kostituzzjonali numru 189 / 88 – 24 ta' Jannar 1991 "Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et".

Il-Qorti tqis illi, sakemm id-drittijiet ta' l-intimati jiġu salvagwardati, u sakemm jiġu evitati sorpriżi, f'proċedura kostituzzjonali jkun totalment inutli u kontra kull prinċipju ta' ekonomija w effikaċja tal-ġudizzju – li min qed jillamenta minn leżjonijiet tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tiegħu – jiġi mġiegħel li jimmultiplika r-rikorsi, billi ma jkunx semma' l-artikoli tal-Kostituzzjoni li jidhirlu li ġew miksura fil-konfront tiegħu. Dak ir-regolament irid jindika huwa, li l-Qorti għandha d-dritt li **tesiġi** minnu, kull rikorrent, li **jippreċiża** fil-kwadru kostituzzjonali, dak li jkun qed jillamenta minnu, allavolja jkun qed jipproċedi permezz ta' rikors, ċjoè f'waħda mill-mezzi l-aktar informali w impreċiżi konsentiti mill-proċedura ġudizzjarja; liema esiġenza ħafna drabi, tfisser li l-addizzjoni għar-rikors issir f'forma skritta w anki dettaljata, skond ma jkun meħtieġ.

G. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata u qed tibgħat lura lill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, l-atti proċesswali, biex il-kawża tkompli tiġi trattata w eventwalment deċiża.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi – fuq dan l-inċident – jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.